

AD 28/24

LIMITE

CONF-ME 14

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
– Kapitolu 20: Politika dwar l-intrapriżi u l-industrija

POŻIZZJONI KOMUNITAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negożjar 20: Politika dwar l-intrapriżi u l-industrija

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negożjar approvati mill-Konferenza dwar l-Adeżjoni (AD 20/13 CONF-ME 16), b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn xi waħda mill-partijiet dwar kapitolu tan-negożjati mhi ser tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed fuq kapitolu oħrajn;
- ftehimiet – anki ftehimiet parzjali – milħuqa matul in-negożjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm ikun ġie stabbilit ftehim globali;

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata wkoll fuq ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negożjar.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro biex ikompli l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ *acquis* addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u biex jiżviluppa diġà, qabel l-adeżjoni, politika u strumenti kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni tiegħu AD 7/13 CONF-ME 5 u l-addendum tagħha AD 7/13 ADD 1 (CONF-ME 5) jaċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 20 kif inhu fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2024, u li l-Montenegro jiddikjara li ser ikun lest jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Prinċipji ta' politika dwar l-intrapriżi u l-industrija

L-UE tinnota li l-Montenegro adotta u implimenta, jew qiegħed fil-proċess li jimplimenta, għadd ta' strateġiji li jappoġġaw il-politika dwar l-intrapriżi u l-industrija.

L-UE tinnota li l-Montenegro adotta tliet Strateġiji għall-Politika Industrijali - għas-snin 2016-2020 (PI 2020), 2019-2023 (PI 2023) u, f'Awwissu 2024, għall-2024-2028 (PI 2028). L-UE tosserva wkoll li l-evalwazzjoni finali tal-PI 2023, imwettqa minn evalwatur estern, uriet riżultati ċari tal-implimentazzjoni tagħha.

L-UE tinnota li l-PI 2028 ġiet abbozzata f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-politika industrijali tal-UE u f'konformità mal-linji gwida deskritti fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni COM(2010) 614, COM(2012) 582, COM(2017) 479 u COM (2020) 102, kif aġġornata minn COM(2021) 350. L-UE tinnota li l-PI 2028 ġiet adottata mill-gvern b'kollaborazzjoni mal-Fond għall-Iżvilupp tal-Investment tal-Montenegro, l-Uffiċċju tal-Istatistika, il-Kamra tal-Kummerċ, il-Federazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Montenegro, u wara konsultazzjoni pubblika ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. L-UE tirrikonoxxi wkoll li l-PI 2028 tintegra l-prinċipji u l-oġettivi pertinenti tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tal-Montenegro.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Montenegro, li tindika li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PI 2028 jikkonsistu f'mekkaniżmu ta' monitoraġġ bi pjanijiet ta' azzjoni biannwali/annwali, u evalwazzjoni fl-aħħar sena tal-implimentazzjoni. L-UE thegħeġ lill-Montenegro jiżviluppa pjanijiet ta' azzjoni pluriennali u jkompli jipprovdi rapporti ta' implimentazzjoni regolari lill-Kummissjoni. L-UE tistieden ukoll lill-Montenegro biex jinkludi espliċitament politiki u azzjonijiet immirati biex inaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, partikolarment foqasma kritiċi, biex tissaħħaħ il-komprensività tal-PI 2028.

L-UE tinnota l-impenn tal-Montenegro li jtejjeb il-qafas ta' politika tiegħu dwar l-intrapriżi u jtejjeb l-ambjent tan-negozju, inkluż billi jadotta strateġiji konsekuttivi għall-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), itejjeb il-kwalità tas-servizzi pubbliċi mfassla għall-SMEs u fil-qasam tal-liċenzjar tan-negozju u l-aċċess għall-finanzjament. L-UE tresserva wkoll li l-Montenegro huwa allinjat mad-definizzjoni tal-UE ta' SMEs, inkluża fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 361.

L-UE tinnota li l-Montenegro segwa wkoll il-politiki tal-UE mmirati lejn l-iżvilupp tal-intraprenditorija tan-nisa u l-edukazzjoni intraprenditorjali tul il-ħajja u adotta strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni f'dawn l-oqsma.

L-UE tinnota l-isforzi tal-Montenegro biex ikompli jtejjeb l-ambjent tan-negozju u l-politiki dwar l-intrapriżi billi jadotta l-programm għat-trażżin tal-ekonomija informali għall-2024-2026 u jibda riformi komprensivi fis-settur tal-intrapriżi tal-istat. L-UE tteġġegħ lill-Montenegro biex isegwi l-implimentazzjoni f'waqtha ta' dawn ir-riformi importanti, partikolarment fil-qafas tal-Aġenda ta' Riforma tal-Montenegro maqbula reċentement, li takkumpanja l-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

L-UE tistenna li l-Montenegro jimplimenta bis-sħiħ l-Istrateġija għall-Politika Industrijali msemmija hawn fuq, u tistieden lill-Montenegro jżommha regolarment infurmata dwar l-iżviluppi u l-passi li jittieħdu fir-rigward tal-prinċipji tal-politika dwar l-intrapriżi u l-industrija.

Strumenti ta' politika idwar l-intrapriżi u l-industrija

L-UE tinnota li l-Montenegro għandu rekord ta' bosta snin ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE li jappoġġaw l-intraprenditorija, il-kompetittività u l-innovazzjoni. Il-Montenegro pparteċipa fil-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni 2007-2013 u fil-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju 2014-2020 (COSME).

L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-Programm tas-Suq Uniku (SMP) tal-UE b'enfasi fuq tlieta mill-pilastri tiegħu (it-titjib tas-suq intern, l-SMEs, il-konsumaturi). F'dan il-kuntest, l-UE tosserva li l-parteċipazzjoni fin-Network Enterprise Europe taħt l-SMP hija partikolarment rilevanti għall-iżvilupp tal-SMEs fil-Montenegro. L-UE tistieden lill-Montenegro jkompli jiżviluppa sħubijiet tranżnazzjonali f'ekosistemi industrijali u networks ta' raggruppamenti.

L-UE tagħraf li l-Montenegro żviluppa sett ta' strumenti nazzjonali u stabbilixxa aġenziji ta' implimentazzjoni biex jipprovdu sostenn finanzjarju u servizzi lin-negozji. L-UE tinnota li l-Fond għall-Iżvilupp tal-Investment tal-Montenegro (IDFM) iservi bħala mekkaniżmu biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għas-settur tal-SMEs, b'kollaborazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa. L-UE tosserva wkoll li l-IDFM għandu jiġi ttrasformat fil-Bank tal-Iżvilupp tal-Montenegro u jipprovdi, fost funzjonijiet oħra, assigurazzjoni tal-esportazzjoni għall-operaturi ekonomiċi tal-pajjiż. L-UE tinnota wkoll li għaddej l-istabbiliment tal-Fond ta' Garanzija tal-Kreditu appoġġat mill-Istat, li jkompli jsaħħaħ l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi, inkluż start-ups u intraprendituri nisa, u thegġegħ lill-Montenegro biex jiffinalizza din l-azzjoni.

L-UE tinnota li l-Montenegro għadu kif adotta l-Liġi dwar l-iskadenzi għas-saldu tal-obbligi finanzjarji, allinjat mad-Direttiva 2011/07/UE dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali. L-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi informazzjoni perjodika lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tagħha.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex ikompli jiżgura l-allinjament mal-*acquis* u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali u l-korpi rilevanti sad-data tal-adeżjoni, u tistieden lill-Montenegro jżomm lill-UE infurmata regolarment dwar l-iżviluppi rigward l-istrumenti tal-politika dwar l-intrapriżi u l-industrija.

Politiki Settorjali

Peress li t-turiżmu huwa settur importanti tal-ekonomija tal-Montenegro, li jiġġenera kważi 30 % tal-PDG, l-UE tinnota li teżisti Strateġija għall-Iżvilupp tat-Turiżmu 2022-2025, u li hija relatata mal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tal-pajjiż, fejn it-turiżmu sostenibbli u t-turiżmu tas-saħħa huma fost is-setturi ta' speċjalizzazzjoni magħżula. L-UE tosserva, f'dan il-kuntest, li d-diversifikazzjoni tal-offerta tat-turiżmu, l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni fin-negozji tat-turiżmu, kif ukoll l-impenn għall-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli u ekoloġiku, huma l-prinċipji gwida għas-settur fis-snin li ġejjin.

L-UE thegħeġ lill-Montenegro biex ikompli jaħdem fuq politiki strateġiċi f'diversi setturi u biex jintegra l-prinċipji ta' politika attwali tal-UE f'dawn l-istrateġiji.

* * *

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-*acquis* u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli tul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tiddedika attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq, inkluż bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro u l-kapaċità tiegħu li jlesti l-allinjament fl-oqsma kollha taħt dan il-kapitolu. Jinħtieġ li tingħata konsiderazzjoni partikolari għar-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli tan-negozjati oħrajn. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Montenegro mal-*acquis* u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'dan il-kapitolu, u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis* lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-UE, jekk ikun meħtieġ, ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument xieraq.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni tiegħu AD 7/13 (CONF-ME 5) u l-addendum tagħha AD 7/13 ADD 1 (CONF-ME 5) jaççetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 20, kif fis-seħħ fit-12 ta' Diçembru 2024, u li l-Montenegro jiddikjara li ser ikun lest biex jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea. L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proçess ta' allinjament mal-*acquis* u li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* ġdid bejn it-12 ta' Diçembru 2024 u l-konklużjoni tan-negożjati.
